**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk

## ID-DISA` LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 37** **14 ta' April, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 14 ta' April fid-9.30 ta' filgħodu.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Reno Buġeja | - | Kunsillier |
| Matthew Buġeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Vanessa Galea | - | Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **37.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 37.1.1 | Il-laqgħa bdiet fid-9.40am. Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa li ser jattendi ftit tard. F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | |
| **37.2** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 37.2.1 | Ġew approvati l-minuti Nru 33, 34, 35 u 36. |
| | |
| **37.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 37.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li huwa attenda għall-appell li sar dwar il-posta tal-monti, u li dan għadu ma ġiex deċiż. Ġie kkonfermat li s-seduta li jmiss tal-każ ser issir fit-23 ta' April.<br><br>Issemma wkoll li fl-14 ta' April ser jattendi laqgħa flimkien mas-segretarju eżekuttiv, mal-perit u ma' Transport Malta dwar il-proġett ta' Delimara (Delimara Shuttle Service), sabiex jiġu diskussi aktar dettalji relatati ma' dan il-proġett.<br><br>Rigward l-isem tal-proġett ta' "George ta' Kalċi", ġie spjegat li Project Green kienu ssuġġerew u iddeiċidew l-isem "Ġnien ta' Kalċi". Madankollu, il-Kunsill ma kienx qabel ma' din id-deċiżjoni, u kien diġà qabel li l-isem ikun jew "Gorg ta' Kalċi" jew "Gorg Carabott ta' Kalċi". Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill ser jibqa' jinsisti fuq l-isem approvat mill-Kunsilliera, u l-Kunsilliera qablu ma' din il-pożizzjoni.<br><br>Ġiet ippreżentata stima għal qtugħ ta' siġar fi Triq Lepanto, Triq il-Labour, tlett siġriet li jinsabu fit-toroq paralleli ma' Triq il-Labour, qtugħ ta' siġar ġo Ġnien il-Familja u Triq Barthlemey. L-ammont stmat għal dawn ix-xogħlijiet kien ta' €4,500.<br><br>Is-Sindku spjega li huwa, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iltaqgħu mal-perit inkarigat mill-Masterplan bħala introduzzjoni għall-proċess. Il-perit ippreżenta timetable ta' laqgħat ma' diversi stakeholders, inklużi residenti, sajjieda u għaqdiet oħra. Dawn il-laqgħat ser isiru kull nhar ta' Tlieta bejn il-5:00pm u s-6:00pm, fuq bażi ta' ġimgħa b'ġimgħa, sabiex jinġabru ideat u kummenti għall-iżvilupp tal-masterplan.<br>Is-Sindku nnota li l-Kunsilliera jistgħu jattendu għal dawn il-laqgħat, iżda mhux ser ikunu jistgħu jintervjenu. Il-laqgħat ser jitmexxew mill-perit.<br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja osserva li huwa importanti li l-feedback tan-nies jinstema' u jiġi kkunsidrat fl-iżvilupp tal-masterplan. Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dan. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku kkonferma wkoll li l-ammont offrut lill-perit jinsab fi ħdan il-baġit allokat.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa daħal għal-laqgħa fil-9.48am. Is-Sindku spjega dak kollu li kien ġie diskuss sa dak il-punt.<br><br>Is-Sindku żied jgħid ukoll li beda l-proġett fejn kien hemm il-bandli ta' Port Ruman. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk humiex se jinbidlu l-bankini. Is-Sindku wieġeb li ser jinbidlu l-bankini, kif ukoll is-servizz tad-drenaġġ, tal-ilma u tad-dawl.<br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa wkoll x'ser isir mis-siġar. Is-Sindku spjega li s-siġar ġew ivvalutati u ttieħdu stimi min-naħa tal-amministrazzjoni fuq żbur, u li ser isiru l-arranġamenti meħtieġa mal-kuntrattur. Spjega wkoll li ż-żona ser tinfetaħ u ssir aktar aċċessibbli. Is-Sindku qal ukoll li ser jikkonsulta mal-perit rigward il-possibbiltà ta' qtugħ jew tibdil tas-siġar fejn ikun hemm bżonn.<br><br>Waqt li s-Sindku kompla jirrepeti dak li diġà kien ġie kkomunikat lill-Kunsillier Daniel Zerafa, il-Kunsillier Matthew Bugeja osserva li l-laqgħat relatati mal-masterplan m'għandhomx isiru fis-Sala Pompej minħabba li l-ispazju jirbombja.<br>Is-Sindku wieġeb li f'dan il-każ se jiġi kkuntattjat il-Kappillan sabiex tintuża l-kamra tiegħu. Il-Kunsillier Matthew Bugeja ssuġġerixxa wkoll li l-laqgħat jistgħu jsiru fis-sala tal-iskola. Is-Sindku qabel ma' din is-suġġeriment. |
| | |
| **37.4** | **Korrispondenza** |
| 37.4.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn persuna tal-Arts Council li esprimiet ix-xewqa li tiltaqa' mal-Kunsill sabiex tiddiskuti l-possibbiltà ta' organizzazzjoni ta' wirja (exhibition) u l-possibbiltà li jittieħdu xi ritratti fil-lokal. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi se tiltaqa' magħha u se tinforma lill-Kunsilliera dwar dak li jkun ġie diskuss. Il-Kunsilliera qablu.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv irċeviet korrispondenza mingħand il-Kunsillier Matthew Bugeja li permezz tagħha ssuġġerixxa allokazzjoni ta' €500 għall-festa, sabiex jiġu pprovduti bouncy castle u attivitajiet oħra għat-tfal. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta.<br><br>Ġie ppreżentat programm/proġett Ewropew mibgħut mill-AKL relatat mas-siġar taż-żebbuġ. Il-Kunsillier Matthew Bugeja spjega li din il-korrispondenza aktar tgħodd għal lokalitajiet li għandhom tradizzjoni marbuta maż-żebbuġ, u li Marsaxlokk ma għandux din it-tradizzjoni. Il-Kunsilliera qablu li ma ssirx applikazzjoni għal dan il-programm.<br><br>Il-MAFA bagħtet email dwar il-possibbiltà li jsiru cat u dog cafes permezz ta' skema. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk jistax isir cat café fil-Ġnien ta' Ġorġ ta' Kalċi. Is-Sindku wieġeb li jistgħu jiġu kkunsidrati diversi ideat, filwaqt li |

| | |
|---|---|
| | osserva li bħalissa hemm sfidi marbuta mal-qtates, inkluż nuqqas ta' tindif wara l-feeders.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-proġett jinkludi finanzjament ta' 80% għall-landscaping u 20% għall-elementi relatati ma' cat cafés. Ġie ssuġġerit li jista' jiġi kkunsidrat cat café peress li diġà qed isir dog park fil-lokalità. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-feeders jistgħux jiġu involuti f'inizjattiva ta' cat cafés. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li se tiċċekkja din il-possibbiltà. Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk l-iskola primarja għandhiex żona li teħtieġ xogħol ta' landscaping u jekk hemmx il-possibbiltà li fl-istess spazju tiġi kkunsidrata wkoll l-implimentazzjoni ta' cat café.<br>Is-Segretarja infurmat li se tkun qiegħda tikkuntattja lill-Kap tal-Iskola sabiex tiġi diskussa din il-proposta u jiġi ċċarat jekk hemmx spazju adatt u qbil minn naħa tal-iskola.<br>Is-Sindku żied li jkun xieraq ukoll li jiġi vverifikat jekk jistax jiġi kkuntattjat l-MAFA sabiex, fil-każ li ma jintlaħaqx kompromess mal-iskola, tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal cat café biss.<br>Is-Segretarja Eżekuttiva kkonfermat li se ssir il-komunikazzjoni meħtieġa mal-partijiet rilevanti.<br>Il-Kunsilliera qablu ma' din id-deċiżjoni u ġiet approvata unanimament.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li waslet email relatata ma' proġett taħt il-programm Creative Europe, b'fond totali ta' madwar €1 miljun bejn diversi kunsilli, iffukat fuq il-kultura moħbija u l-"living heritage". Ġiet ippreżentata idea li tinkludi l-luzzu u l-kuluri tradizzjonali bħala kuntest kulturali, b'possibbiltà ta' produzzjoni ta' filmati f'Marsaxlokk u l-organizzazzjoni ta' workshops relatati mal-luzzu.<br>Is-Sindku ssuġġerixxa li jiżdied ukoll l-aspett storiku ta' Marsaxlokk u t-Torri Vendôme fil-kunċett tal-proġett.<br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja qal li l-Kunsill għandu jibgħat espressjoni ta' interess inizjali, u jekk il-Kunsill jintagħżel għal dan il-fond, is-suġġett jiġi diskuss aktar fid-dettall. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ukoll email oħra li tirrigwarda persuna li tixtieq tagħmel food trailer fil-viċinanza tal-bajja. Il-Kunsillier Matthew Bugeja rrimarka li f'każijiet simili preċedenti, dawn it-talbiet kienu dejjem ġew rifjutati, u għalhekk għandu jinżamm l-istess approċċ.<br>Il-Kunsilliera qablu li ma tingħatax approvazzjoni għal din it-talba.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa ssuġġerixxa li għandu jsir proċess ta' tender għal dan it-tip ta' permess. Il-Kunsillier Matthew Bugeja qabel ma' din il-proposta u ssuġġerixxa li jinħolqu żewġ spazji għall-parkeġġ permezz ta' tender pubbliku, fejn l-ispazji jingħataw lil min joffri l-ogħla offerta, għal perjodu ta' tliet snin.<br>Is-Sindku ssuġġerixxa li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss f'laqgħa b'urġenza, u talab lill-Kunsilliera sabiex jippreparaw l-ideat tagħhom għal diskussjoni aktar dettaljata.<br>Il-Kunsilliera qablu ma' din il-proposta. |

| | |
|---|---|
| | |
| **37.5** | **Aġġornament Skema SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali** |
| 37.5.1 | B'referenza għal dak li kien diġà ġie diskuss fil-Laqgħa b'Urġenza Nru 35, il-Kunsillier Matthew Bugeja kien inkarigat jikkuntattja lill-għaqdiet sabiex tiġi deċiża data finali għall-attività li matulha l-għaqdiet ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom.<br>Is-Sindku ta permess lill-Kunsillier Matthew Bugeja sabiex jagħti aġġornament dwar dan is-suġġett. Huwa informa lill-Kunsill li l-għaqdiet esprimew preferenza li l-attività ssir qabel il-festa u mhux wara.<br>L-għaqdiet tal-banda, tan-nar u tat-8 ta' Mejju qablu li jipparteċipaw fl-attività fid-data tal-20 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din id-data.<br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja żied jgħid li għandu jiġi allokat budget għall-marketing u għall-kids area, u li huwa ser jinforma lill-għaqdiet bid-data definita. |
| | |
| **37.6** | **Skema SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet Aktar Nodfa 2026** |
| 37.6.1 | Is-Sindku ta permess lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjegazzjoni dwar din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-'Clean Up Day' tista' ssir bejn l-1 u t-30 ta' Settembru 2026.<br>Il-Viċi Sindku Miriam Camilleri staqsiet meta ser jibdew l-iskejjel sabiex ikun jista' jiġi kkunsidrat l-involviment tat-tfal, filwaqt li l-Kunsillier Matthew Bugeja rrimarka li matul dak ix-xahar hemm ukoll il-Fish Fest.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-iskejjel ser jibdew fit-28 u d-29 ta' Settembru, u għalhekk ma jkunx possibbli li jiġu kkuntattjati l-istudenti.<br>Il-Kunsill qabel li l-attività ssir mir-Riserva tal-Ballut sat-Torri ta' San Luċjan, inkluża l-kosta (ix-xatt). Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li l-attività ssir f'wieħed mis-Sibtijiet ta' dak ix-xahar.<br>Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-'Clean Up Day' issir fit-12 ta' Settembru 2026.<br>Il-Viċi Sindku rrimarkat li għandhom jintbagħtu komunikazzjonijiet lil Saving Our Blue, lid-Dipartiment tal-Cleansing u lil Żibel sabiex jiġu infurmati u, fejn meħtieġ, ikunu involuti fl-attività.<br><br>Fuq nota oħra, il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk jistax jintbagħat talba lil Save Our Blue sabiex jiġu installati cigarette bins fil-bajjiet ta' Marsaxlokk, hekk kif ftit snin ilu kienu diġà installaw bin fi St. Peter's Pool.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li ser tintbagħat imejl dwar din it-talba. |
| | |
| **37.7** | **Skema SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026** |
| 37.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv, bil-kunsens tas-Sindku, staqsiet x'jixtieq il-Kunsill li jsir għall-Milied sabiex tkun tista' timtela l-applikazzjoni meħtieġa. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku u l-Kunsillier Matthew Bugeja rrimarkaw li għandu jsir skont dak li sar is-sena l-oħra. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.<br>Is-Sindku fakkar li għandha tintbagħat komunikazzjoni lid-Dipartiment sabiex l-attività tibda fid-29 ta' Novembru minħabba l-'Mixgħela tal-Milied'. |
| | |
| **37.8** | **L-App tal-Kunsill (Appraiser)** |
| 37.8.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li din l-app, f'perjodu ta' tliet snin, intużat biss 89 darba, u li l-ispiża tagħha hija ta' €50 fix-xahar. Għaldaqstant, hija rrimarkat li ma jagħmilx sens li tkompli tinżamm din l-ispiża.<br>Is-Sindku, il-Viċi Sindku, kif ukoll il-Kunsilliera Reno Bugeja u Matthew Bugeja qablu li l-app għandha titneħħa. Il-Kunsillier Daniel Zerafa astjena mill-vot. |
| | |
| **37.9** | **Approvazzjoni għall-Debit Cards (BOV u APS)** |
| 37.9.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill jista' japplika għal Debit Card li tista' tintuża sabiex jiġu depożitati ċ-ċekkijiet, u rrimarkat li din ma tistax tintuża biex jinġibdu l-flus kontanti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.<br>Is-Sindku rrimarka li huwa kontra l-użu ta' EPOS machine u talab l-opinjoni tal-Kunsilliera dwar dan is-suġġett. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li jistgħu jinqalgħu diffikultajiet għall-istaff amministrattiv, kif ukoll li jista' jkun hemm charges addizzjonali fuq kull transazzjoni.<br>Il-Viċi Sindku rrimarkat ukoll li ċertu EPOS machines jinvolvu wkoll ħlasijiet fix-xahar. Il-Kunsillier Matthew Bugeja ssuġġerixxa li jiġi kkunsidrat is-sistema ta' mobile-to-mobile payment.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li ser tiċċekkja mad-Dipartiment dwar din il-possibbiltà. |
| | |
| **37.10** | **Torri Vendôme** |
| 37.10.1 | Is-Sindku spjega li dalwaqt għandu jkun lest ix-xogħol ta' restawr. Huwa informa li ġie mqabbad perit sabiex iħejji pjanta ta' rampi differenti, u wera dawn il-pjanti lill-Kunsilliera.<br>Is-Sindku spjega wkoll li bħalissa tneħħa l-konkos ta' madwar, iżda dan jaf jerġa' jsir minħabba li nstab ġebel artab.<br>Kien hemm ukoll kwistjoni relatata mad-drenaġġ, li iżda ser tiġi indirizzata u trattata. Is-Sindku wera li l-ewwel pjanta hija l-aktar waħda adattata, peress li tinkludi passaġġ li jippermetti d-dħul ta' vann mill-ġenb.<br>Huwa semma wkoll il-kamra fuq il-bejt tat-Torri, li ser tiġi diskussa aktar 'il quddiem, kif ukoll garigor li jista' jiġi rranġat mill-ħaddiema tal-Kunsill.<br>Is-Sindku spjega li fil-futur qarib it-Torri Vendôme ser jiġi mgħoddi lill-Kunsill. Żied jgħid ukoll li aktar 'il quddiem ser isir xogħol fuq l-Għajn tal-Ħasselin, u ser jiġi kkunsidrat ukoll it-tisħiħ tal-ħajt ta' taħt fejn hemm il-pompa tal-petrol. |

| | |
|---|---|
| | Huwa spjega li l-pjanta tat-Torri Vendôme ġiet murija lill-perit li qed jieħu ħsieb il-Master Plan, u ssuġġerixxa li t-triq ta' maġenb it-torri tiġi kkonvertita f'pjazzetta żgħira, b'triq waħda minn taħt, sabiex il-pjazza tkun tista' sservi bħala gallarija.<br>Is-Sindku kompla jispjega l-ewwel pjanta tat-Torri Vendôme u qal li ser isir dawl minn taħt. Huwa rrimarka wkoll li dan ix-xogħol jista' jibda wara l-istaġun tas-sajf. |
| | |
| **37.11** | **AED's** |
| 37.11.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li f'Marsaxlokk hemm tliet AEDs, u li t-tlieta li huma bħalissa mhumiex jaħdmu. Hija spjegat li s-sena li għaddiet diġà kien sar infiq sabiex tinbidel il-batterija ta' kull waħda minnhom.<br>Hija żiedet tispjega li spezzjoni waħda tiswa €100 mingħajr VAT għal kull unità, filwaqt li jekk il-Kunsill jieħu ħsieb u jġibhom personalment għand l-aġent, l-ispiża tkun ta' €60 mingħajr VAT. Ġew spjegati wkoll spejjeż oħra relatati ma' xi ħsarat li jistgħu jinqalgħu.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa ssuġġerixxa li jista' jsir kuntatt mal-Ministeru tas-Saħħa sabiex tingħata għajnuna finanzjarja. Il-Viċi Sindku qalet li hija lesta tikkuntattja lill-Ministeru hija stess.<br>Is-Sindku rrimarka li l-AEDs kienu nxtraw minn ElectroGas, u għalhekk jista' jsir kuntatt magħhom ukoll. Il-Viċi Sindku qablet li għandhom jintbagħtu talbiet kemm lill-Ministeru kif ukoll lil ElectroGas sabiex jiġi stabbilit min jista' jassisti. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. |
| | |
| **37.12** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 37.12.1 | Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa x'sar mil-LAG u jekk dan għadux attiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li, sa fejn taf hi, il-LAG għadu attiv. Il-Kunsillier irrimarka li ilu madwar sena u nofs ma jirċievi ebda komunikazzjoni min-naħa tagħhom.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikkuntattja lil GAL Xlokk rigward il-LEADER Programme u ser tiċċekkja jekk għadhomx isiru laqgħat regolari.<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet jekk fit-Triq it-Trunciera hux ser isiru speed bumps. Is-Sindku spjega li hemm applikazzjoni sabiex isiru erbgħa (4) speed bumps.<br>Huwa spjega wkoll li attenda laqgħa dwar il-bus stops, sabiex dawn jiġu kkunsidrati u indirizzati wkoll fil-pjanijiet rilevanti.<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll jekk jistgħux isiru showers fil-bajjiet. Is-Sindku spjega li fl-inħawi tal-Magħluq jista' jsir dan, peress li hemm il-possibbiltà li tiġi installata platform.<br>Huwa spjega wkoll li fin-naħa tal-bajja tal-Għar l-Aħmar, trid tiġi rranġata l-parti fejn jinżel l-ilma mit-triq sabiex ikunu jistgħu jsiru s-showers hemmhekk. Hija spjegat li snin ilu diġà kien hemm showers, iżda l-ilma kien jibqa' nieżel fir-ramel. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku spjega li diġà kellu diskussjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati, iżda għad hemm din il-problema li trid tiġi indirizzata l-ewwel fir-rigward l-ilma.<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll jekk fuq il-bajja tistax issir rampa għall-persuni b'diżabilità sabiex ikunu jistgħu jinżlu bil-wheelchair fil-baħar. Is-Sindku qal li bħalissa m'għandniex il-faċilitajiet meħtieġa biex din issir b'mod sħiħ. Huwa ssuġġerixxa li tista' ssir passaġġ tal-injam, iżda mhux bil-konkos, li jinżel viċin il-baħar. Alternattivament, dan jista' jiġi kkunsidrat aktar 'il quddiem bħala parti mill-proġett li ser isir minn naħa tal-pitch.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa dwar il-kantunieri tal-bankini, fejn f'laqgħat preċedenti kien ssuġġerixxa jekk jistgħux jitnaqqsu/jiġu mnaqqxa ċerti bankini wesgħin u ssir parti minnhom bil-ħamrija, filwaqt li jibqa' jiġi żgurat passaġġ għall-persuni.<br>Is-Sindku rrisponda li huwa kellem lill-perita dwar dan is-suġġett, u li kif kien ssuġġerixxa fil-laqgħa preċedenti, l-aħjar soluzzjoni hija li jsiru qsari.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja rrimarka li hemm biċċa konkos maġenb il-hairdresser u oħra fi Triq l-Arznell li jeħtieġu jiġu rranġati, peress li wara xogħlijiet li kienu saru mill-Enemalta, dawn baqgħu imkissrin.<br>Is-Sindku rrisponda li ser jieħu azzjoni u jibgħat komunikazzjoni lill-Enemalta sabiex dawn il-partijiet jiġu rranġati.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk saritx applikazzjoni għal Timed Parking minn Triq l-Arznell, inkluż toroq laterali u Triq iż-Żejtun sal-parti li tmiss ma' Triq l-Arznell 'l isfel u Triq Duncan li kienet diskuzza fid-19 ta' Jannar.<br>Is-Sindku rrisponda li din l-applikazzjoni għadha ma saritx u li ser jieħu ħsieb sabiex tiġi ppreparata u mressqa kif meħtieġ.Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand il-perit li qed jieħu ħsieb il-jogging track. Is-Sindku qal li għadu ma rċeviex risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikkuntattjah hi.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa fiex wasal il-proġett ta' Birrikka u Triq il-Labour. Is-Sindku spjega li x-xogħol miexi 'l quddiem. Il-Kunsillier żied isemmi l-importanza li jkun hemm BOQ (Bill of Quantities).<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa staqsa x'inhu jiġri rigward il-problema relatata mal-operaturi tal-boat trips.<br>Is-Sindku wieġeb li, sa issa, ma rnexxilux isib l-ebda għajnuna jew appoġġ minn persuni politiċi rigward din il-kwistjoni.<br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja qal li, peress li qed toħroġ il-konċessjoni ta' Delimara, din il-problema mistennija tissolva b'mod naturali maż-żmien.<br><br>Is-Sindku żied jgħid ukoll illi nxtrat żebgħa apposta sabiex jiġi mmarkat ix-xatt ħalli kulħadd iżomm postu. Żied jgħid ukoll illi talab għal ħadid (arms) max-xatt, iżda ma sabx appoġġ.<br>Semma wkoll illi talab sabiex id-dawl tal-car park jiġi rranġat u li kellem perit biex japplika għal devoluzzjoni għal parkeġġ. |

| | |
|---|---|
| | Barra minn hekk, qal li ser isir xogħol ta' tħallib fil-pjazza. Kif ukoll illi l-affarijiet (street furniture) fosthom qsari u bankijiet għall-pjazza waslu u ser jitwaħħlu qabel it-8 ta' Mejju.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Bugeja staqsa x'ġara mill-byelaw tal-ħinijiet tal-monti. Is-Sindku wieġeb li hemm bżonn jintalab sabiex tinbidel il-liġi.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa tkellem dwar il-permess tal-Planning Authority PA924/26 fi Triq Abdosir u staqsa jekk intbagħtitx late submission ta' oġġezzjoni. Is-Sindku irrimarka li ntbagħatet. Is-Sur Daniel fakkar ukoll illi fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li, kemm jekk il-binja hijiex protetta jew le, il-parti ta' wara tal-binja għandha tiġi kkunsidrata bħala faċċata peress li tidher minn kullimkien mix-xatt. Il-Kunsilliera qablu.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa tkellem ukoll dwar il-permess tal-Planning Authority PA315/26 relatat ma' razzett tal-majjali, li dwaru saru diversi oġġezzjonijiet minn NGOs, l-ERA, għaqdiet tan-nar u entitajiet oħrajn. Spjega li l-permess kien ġie sospiż u reġa' tressaq b'differenza li ġie inkluż aktar screening ta' siġar. Bħala Kunsill, ġie propost illi l-oġġezzjoni għall-permess għandha tinżamm. Il-Kunsilliera qablu ma' din il-pożizzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa tkellem ukoll dwar il-permess tal-Planning Authority PA17/23, relatat ma' razzett tan-nagħaġ ġewwa Delimara, viċin il-Batterija tal-Basal. Żied jgħid illi diġà hemm razzett tal-mogħoż fl-inħawi. Il-Viċi Sindku qalet illi r-razzett tal-ħnieżer jista' jkollu impatt u staqsiet jekk ir-razzett tan-nagħaġ hux ser ikollu impatt ukoll.<br>Is-Sindku qal illi diġà kien hemm applikazzjoni għal razzett tan-nagħaġ f'post fil-viċin u l-Kunsill kien oġġezzjona, għalhekk għandha tittieħed l-istess deċizjoni. Is-Sindku żied jgħid illi, fir-rigward taż-żona bejn Triq il-Patrijiet Terzjani, Triq Delimara u Triq il-Power Station, m'għandhomx isiru aktar azjendi għat-trobbija tal-annimali. Żied jgħid ukoll illi Delimara għandu jibqa' park u ma jsirux attivitajiet ta' natura industrijali. Semma wkoll illi fil-futur jista' jinħoloq problemi relatati man-nar tal-festa minħabba l-irziezet u l-ħarsien tal-annimali. Il-Kunsill qabel ma' dan.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa tkellem dwar il-permess tal-Planning Authority PA2119/26 relatat mal-għalqa maġenb Villa Agius Catania.<br>Il-Viċi Sindku qalet illi jekk is-sit huwa protett, taqbel mal-protezzjoni, iżda jekk mhux protett, is-sid għandu jkun jista' jibni dak li jixtieq. Is-Sindku qabel ma' din il-pożizzjoni.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa irrimarka li l-villa ser tinbidel f'lukanda u li maġenbha ser isir restorant. Żied jgħid ukoll illi ma hemm xejn ta' preġu fil-ġnien inkwistjoni. Fuq dan il-permess, is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Reno Bugeja ma sabux oġġezzjoni. Il-Kunsillier Matthew Bugeja oġġezzjona filwaqt li l-Kunsillier Daniel Zerafa astjena.<br><br>Il-Viċi Miriam Camilleri ħarġet mill-laqgħa f'12.15pm. |

| | |
|---|---|
| | |
| **37.13** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti** |
| 37.13.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-iskeda tal-pagamenti numru 04/2026, kif ukoll l-iskeda tal-Petty Cash ta' Marzu, fuq il-mejda tas-seduta. Dawn ġew approvati mill-Kunsillier Reno Bugeja u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Bugeja. |
| | |
| **36.14** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 36.14.1 | Il-laqgħa li jmiss ġiet deċiża li ssir fit-18 ta' Mejju fid-9.30am.<br>Il-laqgħa ntemmet fit-12.30pm, wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 18 ta' Mejju, 2026.

**IFFIRMATA**
________________________
**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**
__________________________
**Vanessa Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**
________________________
***Proponent***

**IFFIRMATA**
_________________________
***Sekondant***